MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Numru. 53/1999
Kawza Numru. 6

**Il-Pulizija**
**(Spt. Antonello Grech)**

**- vs -**

**Philip Bajada**

**Il-Qorti**, Rat l-akkuzi migjuba kontra Philip Bajada, bin Joseph, imwieled Victoria u joqghod l-Gharb, Ghawdex, Karta tal-Identita' numru 5877 (G), kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

Talli fis-26 ta' Marzu, 1998, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, iffalsifikajt biljetti tal-flus u jew mexxejt biljetti tal-flus iffalsifikati u cioe' liri Sterlini li kont taf li huma ffalsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, zmien u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew raggjonevoli xtrajt, jew ircevejt minghand xi persuna, jew kellek fil-kustodja jew pussess tieghek, biljetti tal-flus iffalsifikati u cioe liri Sterlini li kont taf li l-istess biljetti ta’ flus kienu iffalsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens  tal-Avukat Generali tad-19 ta’ Lulju, 1999 skond l-artikolu 370(3)(a) Kap 9 sabiex l-imputat ikun gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghal-dak li hemm mahsub fl-artikoli 45 u 46 Kap 204 u 17, 23 u 533 Kap 9;

Rat illi l-imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz minn din il-Qorti;

Semghet il-provi bil-gurament:

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fis-26 ta’ Marzu, 1997 l-Manager tal-APS Bank (Ghawdex) kien informa lill-Ispettur Antonello Grech illi l-kaxxier tal-bank kien informa lis-supervisor tieghu illi persuna xtaqet tiskambja flus Sterlini f’Maltin meta dawn kienu foloz.  Dawn kienu jikkonsistu fi tletin karta tal-ghoxrin lira Sterlina li wara irrizulta illi tlieta minnhom kienu genwini. Il-bank kien informa lill-klijent illli dawn il-flus ma setghux jissarfu u li kien ser izomm il-flus u jinforma lill-Pulizija;

Mill-indagini li ghamlet il-Pulizija jirrizulta illi l-imputat kien kellu fil-pussess tieghu l-ammont ta’ seba mija u hamsin lira Sterlina li minnhom kien sarraf l-ammont ta’ hamsin lira Maltin fl-“exchanger” tal-Mid-Med bank fix-Xlendi izda l-magna ma kienitx accettat l-flus kollha u ghalhekk kien ghad fadallu it-tletin biljett tal-ghoxrin lira Sterlina.  L-imputat kien baghat lill-habib tieghu biex isarraf il-flus

ghaliex qal li ma kienx jifhem fil-kambju. L-imputat kien informa lill-Pulizija illi l-ammont ta' Stg750 kien gew ghandu meta s-sena ta' qabel kien biegh "stereo" lill-wiehed Ingliz fil-pjazza ta' Bugibba.

Il-habib ta' l-imputat xehed illi Philip Bajada kien wasslu fil-branka tal-APS u qaghad barra jistenna fil-karozza peress illi ma kienx liebes xieraq u kien ipparkja f'post projbit. Meta pprezenta l-flus l-kaxxiera staqsietu ta' min huma u talbitu jgib l-ID Card ta' sid il-flus. Wara li ghamel dan l-Manager talbu jsejjah lill-Philip Bajada u spjegalhom illi kien ser ikollu jzomm il-flus u jinforma lill-Pulizija peress illi dawn setghu ikunu foloz.

L-espert nominat mill-Qorti sabiex jirrelata dwar l-awtenticita' o meno tal-flus in kwistjoni ikkonkluda illi dawn il-flus kienu foloz hlilef ghal-tlett karti li kienu awtentici (u cioe` il-karti bin-numru tas-serje BK2971367, AH6755625 u AJ0917843).

Ikkunsidrat illi l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 jitfghu l-oneru tal-prova fuq l-imputat li ghandu x-xelta juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi huwa ma kienx jaf illi l-fllus kienu foloz. Minkejja dan il-pussess inniffsu xorta jammonta ghar-rejat izda jiimporta tnaqqas sostanzjali tal-piena karcerarja. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni lil din il-Qorti dwar il-provenjenza tal-flus mertu ta' l-akkuza u ghalhekk il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kif ukoll l-accertament tal-falsita` tal-flus (hlief dawn imsemmija) huma l-prova li din il-Qorti trid timxi fuqha;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204;

Wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat fejn tinnota li ghandu registrat biss kontravvenzjoni ghal-ksur ta' bon ordni;

Wara li semghet ix-xhieda tal-karattru mressqa mill-imputat jirrizulta illi fil-mori tal-kawza l-imputat kien misjub

hati mill-Qorti diversament preseduta dwar akkuza ta' serq u kien illiberat taht il-provvedmenti tal-Kap 152 ghal zmien sentejn mil-11 t'Ottubru 2000 sal-11 ta' Ottubru 2002 u li l-probation officer kienet qed izzomm kuntatt regolari ma' l-imputat u jirrizulta li ghamel kambjament posittiv;

Ghalhekk il-Qorti tqis illi piena karcerarja ma tkunx adattata f'dan il-kaz u qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum taht il-provvediment tal-artikolu 10 tal-Kap 152 u taht il-harsien tal-probation officer indikata fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema probation officer ghandha tirrelata bil-miktub dwar l-andament ta' l-imputat kull sitt xhur sa tmiem tal-probation order.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus esebiti kif ukoll tordna d-distruzzjoni tal-istess flus hlief ghal dawk numerati BK2971367, AH6755625 u AJ0917843 u dan taht is-sorveljanza tal-Bank Centrali ta' Malta.

Il-Qorti fehmet l-obbligi ta' l-imputat emanenti minn din is-sentenza.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur